San Lawrenz	Art 'Tal-Midra' tal-kejl ta' 343m.k. u part part transmission ta' 54000424	Haber Joseph		1288/19 Gozo
San Lawrenz	*Land 'Tal-Midra' covering an area of 343s.m. and part part transmission of 54000424*	*Haber Joseph*		
San Lawrenz	Art 'Ta' Wilġa' tal-kejl ta' 445m.k. u in part transmission ta' proprjetà 54000426	Cauchi Rita		1356/19 Gozo
San Lawrenz	*Land 'Ta' Wilġa' covering an area of 445s.m. and in part transmission of prorerty 54000426*	*Cauchi Rita*		
San Lawrenz	Art 'Tal-Wilġa ta' Ġedrin' u in part transmission ta' LRA 1284/19	Cauchi Rita		1357/19 Gozo
San Lawrenz	*Land 'Tal-Wilġa ta' Ġedrin and in part transmission of LRA 1284/19*	*Cauchi Rita*		
San Lawrenz	Art 'Tal-Wilġa' u in part transmission ta' 54000674	Cauchi Rita		1358/19 Gozo
San Lawrenz	*Land 'Tal-Wilġa' and in part transmission of 54000674*	*Cauchi Rita*		
San Lawrenz	Art 'Ta' Wara l-Iskola' tal-kejl ta' 245m.k. u part part transmission ta' 54000427	Cauchi Rita		1359/19 Gozo
San Lawrenz	*Land 'Ta' Wara l-Iskola'covering an area of 245s.m. and part part transmission of 54000427*	*Cauchi Rita*		
San Lawrenz	Art 'Tal-Midra' tal-kejl ta' 343m.k. u part part transmission ta' 54000424	Cauchi Rita		1361/19 Gozo
San Lawrenz	*Land 'Tal-Midra' covering an area of 343s.m. and part part transmission of 54000424*	*Cauchi Rita*		
Ta' Sannat	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Maria Vella Magro applikazzjoni LRA 1200/19 korrezzjoni tal-att.	Formosa Margherita		1200/19 Gozo
Sannat	*I am here by giving notice that I have received from Notary Maria Vella Magro application LRA 1200/19 correction of contract.*	*Formosa Margherita*		
Ta' Sannat	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Maria Vella Magro applikazzjoni LRA 1201/19 korrezzjoni tal-att.	Buttigieg Joseph et		1201/19 Gozo
Sannat	*I am here by giving notice that I have received from Notary Maria Vella Magro application LRA 1201/19 correction of contract.*	*Buttigieg Joseph et*		
Ta' Sannat	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Maria Vella Magro applikazzjoni LRA 1202/19 korrezzjoni tal-att.	Buttigieg Joseph et		1202/19 Gozo
Ta' Sannat	*I am here by giving notice that I have received from Notaty Maria Vella Magro application LRA 1202/19 correction of contract.*	*Buttigieg Joseph et*		
Ta' Sannat	Ratifika ta' LRA 749/18	Bajada Margaret		1220/19 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ta' Sannat	*Ratification of LRA 749/18*	*Bajada Margaret*		
Ta' Sannat	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Sylvianne Xerri Zahra applikazzjoni LRA 1324/19 korrezzjoni tal-kuntratt.	V&C Developments Limited		1324/19 Gozo
Ta' Sannat	*I am here by giving notice that I have received from Notary Sylvianne Xerri Zahra application LRA 1324/19 correction of contract.*	*V&C Developments Limited 1*		
Ta' Sannat	Id-Dirett Dominju Perpetwu tal-fond 61 fi Triq Seguna	Terribbile Emanuel et		1365/19 Gozo
Ta' Sannat	*Perpetual Direct Dominium of premises 61, Triq Seguna*	*Terribbile Emanuel et*		
Ix-Xagħra	Plot D ta' Lintra u in part transfer ta' proprjetà 63000509	Teuma Tracy Victoria		1223/19 Gozo
Xagħra	*Plot D ta' Lintra and in part transfer of property 63000509*	*Teuma Tracy Victoria*		
Ix-Xagħra	Art 'Ir-Ramla Taħt in-Nadur' tal-kejl ta' 56,400m.k.	Gvern ta' Malta		1232/19 Gozo
Xagħra	*Land 'Ir-Ramla Taħt in-Nadur' covering an area of 56,400s.m.*	*Government of Malta*		
Ix-Xagħra	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Maria Vella Magro applikazzjoni LRA 1362/19 korrezzjoni tal-pjanta rilevanti.	Karkanja Development Limited		1362/19 Gozo
Xagħra	*I am here by giving notice that I have received from Notary Maria Vella Magro application LRA 1362/19 correction of relevant plan.*	*Karkanja Development Limited*		
Ix-Xagħra	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Maria Vella Magro applikazzjoni LRA 1363/19 korrezzjoni tal-pjanta rilevanti.	Karkanja Development Limited		1363/19 Gozo
Xagħra	*I am here by giving notice that I have received from Notary Maria Vella Magro application LRA 1363/19 correction of relevant plan.*	*Karkanja Development Limited*		
Iż-Żebbuġ	B'dan qed navża li rċivejt mingħand in-Nutar Anthony Hili applikazzjoni LRA 1273/19 korrezzjoni tal-kuntratt	Zerafa Vincenzo et		1273/19 Gozo
Żebbuġ	*I am here by giving notice that I have received from Notary Anthony Hili application LRA 1273/19 correction of contract.*	*Zerafa Vincenzo et*		

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, L-Amministrazzjoni, Triq ta' Wara s-Sur, Ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 p.m.

Dr Marlin Vella, LLD
għar-Reġistratur tal-Artijiet

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, The Administration, Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.00 p.m.

Dr Marlin Vella, LLD
for/Land Registrar

L-1 ta' Novembru, 2019

1st November, 2019

Nru. 1383

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
1.11.2019	€43.531	€0.547

L-1 ta' Novembru, 2019

No. 1383

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

1st November, 2019

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 181

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Novembru, 2019, mis-6.00 a.m. 'il quddiem, mis-sqaq tal-Biċċieni u Triq Ġużeppi Pace.

Il-Mosta

Iċ-ċaqliq tat-traffiku (traġitt u parkeġġ) huwa projbit mill-Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2019, sat-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2019, fil-parkeġġ ta' Pjazza Rotunda.

Iċ-ċaqliq tat-traffiku (traġitt u parkeġġ) huwa projbit mill-Ħamis, 12 ta' Diċembru, 2019, mill-4.00 p.m. sas-6.00 p.m., minn Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-1 ta' Novembru, 2019

POLICE NOTICE

No. 181

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żabbar

On Saturday, 2nd November, 2019, from 6.00 a.m. onwards, through Biċċieni alleys and Triq Ġużeppi Pace.

Mosta

All the traffic movement (transit or parking) is prohibited from Wednesday, 11th December, 2019, till Monday, 16th December, 2019, in Pjazza Rotunda parking area.

All the traffic movement (transit or parking) is prohibited on Thursday, 12th December, 2019, from 4.00 p.m. till 6.00 p.m., through Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

1st November, 2019

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 182

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Għajnsielem

Nhar is-Sibt, 2 ta' Novembru, 2019, mill-5.30 p.m. sat-8.00 p.m., mill-Pjazza Madonna ta' Loretu, Triq Għajnsielem, (jaqsam minn Triq l-Imġarr) u Triq Cordina.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-1 ta' Novembru, 2019

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 145 tal-2019

Emenda għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 141 tal-2019 - Xogħlijiet ta' Tiswija fuq Skal u l-Moll ta' Biswitu f'Birżebbuġa

Referenza hija magħmula għal Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 141 tal-2019.

Id-Direttorat għall-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li minħabba t-tqegħid ta' silt curtain l-ebda bastiment ma jista' jitħalla jidħol fiż-żona murija mmarkata fuq iċ-chart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) jekk mhux awtorizzat minn Transport Malta.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 141 tal-2019 għandu jiġi emendat kif suppost.

L-informazzjoni kollha l-oħra msemmija f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 141 tal-2019 se tibqa'.

Chart affettwata: BA 177

L-1 ta' Novembru, 2019

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

Kunsill Malti għall-Arti - ŻfinMalta

ŻfinMalta National Dance Company fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti tgħarraf li qed tilqa' Espressjonijiet ta' Interess għal dan li ġej:

POLICE NOTICE

No. 182

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Għajnsielem

On Saturday, 2nd November, 2019, from 5.30 p.m till 8.00 p.m., through Pjazza Madonna ta' Loretu, Triq Għajnsielem, (crossing from Triq l-Imġarr) and Triq Cordina.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

1st November, 2019

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 145 of 2019

Amendment to Local Notice to Mariners No. 141 of 2019 - Repair Works on Slipway and Adjacent Quay in Birżebbuġa

Reference is made to Local Notice to Mariners No. 141 of 2019.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that due to the placing of a silt curtain, no vessel will be allowed to enter within the area shown hatched on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), unless authorised by Transport Malta.

Local Notice to Mariners No. 141 of 2019 is to be amended accordingly.

All other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 141 of 2019 will remain.

Chart affected: BA 177

1st November, 2019

MINISTRY FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

Arts Council Malta - ŻfinMalta

ŻfinMalta National Dance Company within Arts Council Malta notifies that expressions of interest will be received for the following:

EOI: KMKA/100/2019. Esperessjoni ta' interess għal Produttur għal ŻfinMalta – Entità Kulturali Pubblika fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti.

ŻfinMalta l-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin toħloq u tikkummissjona żfin straordinarju li jiġbed l-udjenzi, filwaqt li jiċċelebra l-ispirtu tal-kultura Maltija f'dinja kontemporanja. ŻfinMalta qed tfittex Producer, imprenditur li għandu esperjenza fl-immaniġġjar tal-arti fosthom fil-ġbir ta' fondi, amministrazzjoni ta' proġetti u finanzi. Il-Producer jibbukkja u jieħu ħsieb tours u produzzjonijiet kemm lokali kif ukoll internazzjonali. Dan filwaqt li jiżviluppa produzzjonijiet u proġetti artistiċi, u jaħdem fil-qrib mad-Direttur Artistiku Paolo Mangiola, biex jagħtu ħajja lill-viżjoni artistika tal-kumpanija.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn (http://zfinmalta.org/blog/2019/call-for-producer).

Wieħed jista' japplika billi jibgħat ittra elettronika lil (vacancies@zfinmalta.org) b'CV u ittra li tinkludi dettalji tal-esperjenza f'dan il-qasam, kif ukoll il-ħiliet u l-kapaċitajiet li jistgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir ta' ŻfinMalta. Massimu ta' 500 kelma.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu mhux iktar tard mill-Ġimgħa, 15 ta' Novembru, 2019, fil-5.00 p.m. GMT+1

L-intervisti se jsiru fil-ġimgħa tat-25 ta' Novembru, fil-Belt Valletta.

L-applikanti magħżula għall-intervisti jkunu avżati fil-jiem ta' qabel. Aktar informazzjoni tinkiseb mill-indirizz elettroniku (vacancies@zfinmalta.org).

L-1 ta' Novembru, 2019

EOI: KMKA/100/2019 – Expression of interest for a Producer for ŻfinMalta – a Public Cultural Organisation within Arts Council Malta.

ŻfinMalta National Dance Company creates and commissions extraordinary dance which engages and resonates with audiences, celebrating the spirit of Maltese culture in the contemporary world. We are looking for an experienced and entrepreneurial Producer with demonstrable experience in arts management including fundraising, project management and finance. The Producer will book and manage tours in the Maltese Islands and internationally and will develop artistic productions and projects, working closely with Artistic Director Paolo Mangiola to realise his vision for the company.

More information about the post can be obtained from (http://zfinmalta.org/blog/2019/call-for-producer).

To apply one can send an email to (vacancies@zfinmalta.org) with a CV and a cover letter providing details of previous experiences as well as how these skills and expertise will contribute to the growth of ŻfinMalta. Max 500 words.

Deadline for applications: Friday, 15th November, 2019, at 5.00 p.m. GMT+1

Interviews will take place during week starting 25th November, in Valletta.

Shortlisted candidates will be notified close to the date. Information can be obtained from (vacancies@zfinmalta.org).

1st November, 2019

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Il-Kunsill tal-ELT

Il-Kunsill tal-ELT jgħarraf lill-pubbliku ġenerali li teżisti din il-vakanza:

Chief Executive Officer (CEO)

Numru tal-Permess tal-Jobsplus 770/2019

Applikanti interessati huma mitluba biex jissottomettu s-CV b'ittra elettronika lil (info.eltcouncil@gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar sat-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2019.

Sit elettroniku: (www.eltcouncil.gov.mt)

L-1 ta' Novembru, 2019

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

ELT Council

The ELT Council notifies the general public that the following vacancy has arisen:

Chief Executive Officer (CEO)

Jobsplus Permit Number 770/2019

Interested applicants are requested to submit their CVs via email to (info.eltcouncil@gov.mt) by not later than noon on Monday, 18th November, 2019.

Website address: (www.eltcouncil.gov.mt)

1st November, 2019

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Post ta' Manager II (People Management) fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġeneral għall-Operat, f'isem is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager II (People Management) fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Manager II (People Management) huwa ta' Skala ta' Salarju 7, li fl-2019 huwa ta' €24,153 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €27,340.

2.4 Persuna fil-grad ta' Manager II titla' fi Skala ta' Salarju 6 (€25,779 x €596.33 - €29,357 fis-sena 2019) wara tliet (3) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Il-kandidati magħżula jkunu wkoll intitolati għall-ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.6 Ġaladarba jiġi appuntat għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-kandidat maħtur jiġi rikjest biex jirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni oħra li attwalment il-proċess tagħha fi ħdan is-Servizz Pubbliku jkun għadu għaddej u li dakinhar tad-data tal-ħatra jkun għadu pendenti, bla ebda preġudizzju għas-sejħiet tal-applikazzjoniet tas-SAAC (li tinkludi wkoll l-Assistenti Diretturi).

2.7 Applikazzjonijiet laterali minn Uffiċjali Pubbliċi, li diġà għandhom ħatra fl-istess grad imsemmi f'din is-sejħa, huma aċċettati biss bil-kundizzjoni li l-ispeċjalizzazzjoni marbuta ma' din il-vakanza hija differenti minn dik relatata mal-ħatra kurrenti tal-applikanti u liema vakanza tirrikjedi kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit tal-eliġibbiltà, li l-applikant huwa mistenni li jissodisfa.

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

Post of Manager II (People Management) in the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (Operations), on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change invites applications for the post of Manager II (People Management) in the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Manager II (People Management) is Salary Scale 7, which in year 2019 is €24,153 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €27,340.

2.4 A Manager II will progress to Salary Scale 6 (€25,779 x €596.33 - €29,357 in 2019) on completion of three (3) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.5 Selected candidates will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 15% of his/her basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.6 On being appointed, a successful candidate would be requested to renounce to other applications currently in process within the Public Service which is/are pending at the time of this appointment, without prejudice to SAAC calls (including Assistant Directors).

2.7 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Il-kandidati magħżula jridu jservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn, bla ebda preġudizzju għas-sejħiet tal-applikazzjonijiet tas-SAAC (li tinkludi wkoll l-Assistenti Diretturi).

2.8 Mhux ser ikun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-People Management, suġġett għad-disponibbiltà ta' postijiet vakanti u l-eżiġenzi tal-management.

2.9 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Manager II (People Management) jinkludu li:

i. tassisti fil-ħolqien ta' listi ta' kontroll u Standard Operating Procedures biex tittejjeb l-aderenza ma' proċessi, proċeduri u regolamenti, u sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' nuqqas ta' konformità;

ii. twettaq dmirijiet relatati mar-reklutaġġ, promozzjonijiet u progressjonijiet tal-Uffiċjali Pubbliċi fil-Ministeru;

iii. tassisti fl-abbozzar ta' deskrizzjonijiet tal-impjieg u speċifikazzjonijiet tal-impjieg għall-postijiet u pożizzjonijiet kif meħtieġ;

iv. tiffaċilita l-proċess ta' reklutaġġ fil-Ministeru inkluż l-abbozzar, l-ipproċessar u l-ħruġ ta' sejħiet għall-applikazzjonijiet li jsegwu l-proċedura meħtieġa kif spjegat u ggwidat mill-policies u r-regolamenti prevalenti u d-Diviżjoni tan-Nies u l-Istandards;

v. tħejji dokumenti għal tiġdid u terminazzjoni ta' kuntratti;

vi. tirrispondi għad-diffikultajiet li jidħlu permezz ta' korrispondenza, posta elettronika, telefown, jew kuntatt personali;

vii. tikkordina u timplimenta attivitajiet ta' People Management, proġetti u assenjazzjonijiet ad hoc;

viii. tieħu deċiżjonijiet informati u/jew tagħmel rakkomandazzjonijiet lis-superjuri tagħha dwar kwistjonijiet strateġiċi, politiċi, proċedurali u operattivi u l-ippjanar tal-People Management;

ix. tanalizza kwalunkwe talbiet li tirċievi (inkluż talbiet għall-allowances, leave u miżuri favur il-familja) qabel ma tirreferi għall-approvazzjonijiet meħtieġa;

a. Successful candidates are to serve in this post for a minimum of two (2) years, without prejudice to applications for SAAC calls (including Assistant Directors).

2.8 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in the area of People Management, subject to availability of vacancies and the exigencies of management.

2.9 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The duties of Manager II (People Management) include:

i. assisting in creating checklists and Standard Operating Procedures to improve adherence to processes, procedures and regulations so as to reduce risks of lack of compliance;

ii. performing duties related to the recruitment, promotions and progressions of Public Officers within the Ministry;

iii. assisting in the drafting of job descriptions and job specifications for posts and positions as required;

iv. facilitating the Ministry's recruitment process including the drafting, processing and issuing of calls for applications following the necessary procedure as outlined and guided by prevailing policies and regulations and the People and Standards Division;

v. preparing documents for renewals and termination of agreements;

vi. attending to queries through correspondence, e-mail, telephone or personal contact;

vii. coordinating and implementing People Management activities, projects and ad hoc assignments;

viii. making informed decisions and/or recommendations to his/her superiors on strategic, policy, procedural and operational matters and People Management Planning;

ix. analysing any requests received (including requests for allowances, leaves and family friendly measures) before referring for necessary approvals;

x. tikkordina l-formulazzjoni u l-kollazzjoni tal-Pjanijiet tal-HR tal-Ministeru, inkluż il-verifika ta' Pjanijiet ta' HR imressqa minn Dipartimenti, Diviżjonijiet, Direttorati u entitajiet fil-Ministeru;

xi. iżżomm rekords aġġornati ta' deċiżjonijiet u komunikazzjoni maħruġa minn awtoritajiet ogħla permezz tal-ħolqien ta' databases biex tiffaċilita l-cross-referencing u l-koerenza fil-proċessi futuri tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

xii. tabbozza tweġibiet f'waqthom għal mistoqsijiet parlamentari u każijiet tal-Ombudsman u rapporti tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika;

xiii. tikkordina u twettaq riċerka, u tanalizza riżultati;

xiv. torganizza, tipparteċipa jew tippresiedi laqgħat, u żżomm il-minuti ta' tali laqgħat;

xv. tmexxi u tissorvelja l-impjegati li jaqgħu taħtha u tikkollabora ma' Diviżjonijiet/Dipartimenti/Direttorati oħra fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima;

xvi. tipproċessa s-salarji kif u meta meħtieġ;

xvii. tittratta d-Dixxiplina f'termini tar-regolamenti u l-policies prevalenti;

xviii. tħejji projections u estimi baġitarji relatati mal-personal emoluments ta' kull xahar;

xix. tassisti fl-implimentazzjoni tad-Direttivi fil-Ministeru;

xx. taġġorna ruħha kontinwament mal-policies, manwali, kodiċi, regolamenti u templates rilevanti;

xxi. tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' qafas regolatorju u programmi li jiżguraw l-implimentazzjoni b'suċċess u korrettezza ta' proċessi delegati ta' People Managment;

xxii. tassisti fil-proċess ta' talbiet għal detailing/deployment/secondment u trasferimenti skont il-PSMC u l-manwali rispettivi;

xxiii. twettaq kwalunkwe xogħol ieħor skont struzzjonijiet mogħtija mis-superjuri tagħha; u

xxiv. twettaq dmirjiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

x. coordinating the formulation and collation of the Ministry's HR Plans, including the vetting of HR Plans submitted by Departments, Divisions, Directorates and entities within the Ministry;

xi. ensuring updated record-keeping of directions issued by higher authority through the creation of databases to facilitate cross-referencing and coherence in future decision-making processes;

xii. drafting timely replies to PQs, Ombudsman cases and NAO reports;

xiii. coordinating and carrying out research, and analysing results;

xiv. organising, participating in or chairing meetings, and keeping documented records accordingly;

xv. managing and supervising junior employees and collaborating with other Divisions/Departments/Directorates within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change;

xvi. processing salaries as and when required;

xvii. dealing with Discipline in terms of prevailing regulations and policies;

xviii. preparing projections and budgetary estimates relating to personal emoluments on a monthly basis;

xix. assisting in the implementation of Directives within the Ministry;

xx. constantly updating himself/herself with policies, manuals, codes, regulations and relevant templates;

xxi. contributing to the development of a regulatory framework and programmes that will ensure the successful and correct implementation of delegated People Management processes;

xxii. assisting in the process of requests for detailing/deployment/secondments and transfers as per PSMC and respective manuals;

xxiii. carrying out any other task as directed by his/her superiors; and

xxiv. performing any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; **jew**

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

U

iii. ikollhom kwalifika ta' Masters rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti, rigward korsijiet li bdew minn Ottubru 2008), fil-Work and Human Resources Management, jew

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; **or**

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); **or**

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in both Maltese and English languages;

AND

iii. in possession of a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent with regard to programmes commencing as from October 2008) in Work and Human

Psikoloġija, jew Training and Development jew Public Administration jew Public Management jew kwalifika professjonali komparabbli.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 4.1 formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) maħruġ mhux iktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti, id-dokumenti sottomessi jridu jkunu mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). L-applikant irid jiġi infurmat li hemm xi dokumenti nieqsa immedjatament wara d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet u jiġi mgħarraf li konsegwentement l-applikazzjoni tiegħu ma tistax tiġi kkunsidrata aktar, sakemm l-applikant ma jipprovdix raġunijiet validi, li jissodisfaw lill-Kummissjoni

Resources Management or Psychology or Training and Development or Public Administration or Public Management or a comparable professional qualification.

Public Officers applying for the post must be confirmed in their current appointment.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the qualifications as indicated in paragraph 4.1 (iii) will still be considered, provided that they submit evidence that they have obtained the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, taken as part of a higher recognised MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47) issued not earlier than one (1) month from the date of application; those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority, submitted documents should be not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). The applicant is to be informed of any missing documents immediately after the closing date of the call for applications and notified that consequently his application will not be considered further, unless justifiable reasons are given by the applicant, to the satisfaction of the Public Service Commission on (psc@gov.

għas-Servizz Pubbliku, għalfejn tali dokumenti huma nieqsa jew se jiġu sottomessi tard. Tali ġustifikazzjoni trid tintbagħat lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fuq (psc@gov.mt) fi żmien ħamest ijiem mid-data tan-notifika msemmija aktar kmieni f'dan il-paragrafu.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija mija fil-mija (100%) u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija ħamsin fil-mija (50%).

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur, Riżorsi Umani (Attn: Assistent Direttur, Riżorsi Umani), Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, tali dokumenti jridu jkunu maħruġa mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF li għandhom ikunu uploaded permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru, 2019. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;

mt), for any omission or late submission. Such justification should be sent to the PSC within five working days from the date of the aforementioned notification.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is one hundred per cent (100%) and the pass mark is fifty per cent (50%).

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7. Applications are to be submitted, for the attention of the Director, Human Resources (Attn: Assistant Director, Human Resources), Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct as applicable, both of which have been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Friday, 15th November, 2019. A computer-generated e-mail will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;

proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mid-Direttorat għar-Riżorsi Umani (Attn: Assistent Direttur, Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huma (http://www.environment.gov.mt) u (humanresources.mesdc@gov.mt).

L-1 ta' Novembru, 2019

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

Post ta' Principal Scientific Officer fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali għall-Operat, f'isem is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Principal Scientific Officer fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' Principal Scientific Officer huwa ta' Skala ta' Salarju 6, li fis-sena 2019 huwa ta' €25,779 fis-sena, li jiżdied b'€596.33 fis-sena sa massimu ta' €29,357.

2.3 Il-persuna nnominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern ta' Malta u l-Unions kompetenti.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Principal Scientific Officer jinkludu li:

the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from the Human Resources Directorate (Attn: Assistant Director, Human Resources), Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department/Division/Directorate are (http://www.environment.gov.mt) and (humanresources.mesdc@gov.mt).

1st November, 2019

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

Post of Principal Scientific Officer in the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (Operations), on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change invites applications for the post of Principal Scientific Officer in the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of Principal Scientific Officer is Salary Scale 6, which in the year 2019 is equivalent to €25,779 per annum, rising by annual increments of €596.33 up to a maximum of €29,357.

2.3 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Malta Government and the competent Unions.

Duties

3. The duties of Principal Scientific Officer include:

i. tissorvelja u timmaniġġja l-ħaddiema u tikkordina l-attivitajiet, biex tiżgura l-kwalità u l-preżentazzjoni f'waqtha tal-informazzjoni xjentifika, rapporti, mistoqsijiet, dokumenti u talbiet oħrajn relatati mal-ġbir ta' informazzjoni xjentifika dwar is-sajd hekk kif mitluba mill-EC Fisheries Data Collection Multi Annual Programme (DC-MAP), GFCM u ICCAT;

ii. tissorvelja l-ġbir ta' informazzjoni bijoloġika li jsir abbord il-bastiment tas-sajd u mill-pixkerija, kif ukoll il-ġbir ta' informazzjoni indipendenti mis-sajd (MEDITS/MEDIAS);

iii. taħdem flimkien ma' sezzjonijiet oħra tad-Dipartiment sabiex tiġi aċċertata l-kwalità tal-informazzjoni miġbura mill-irċevuti tal-bejgħ, l-osservazzjonijiet tal-iżbarki, il-logbooks u l-VMS;

iv. tikkalkula l-parametri bijoloġiċi u parametri oħra relatati mas-sajd, kif meħtieġa mid-DC-MAP tal-KE;

v. tagħmel monitoraġġ u tissorvelja l-laboratorju tad-Dipartiment u x-xogħol li jsir fih;

vi. tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għall-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sajd, rapporti u pariri oħra hekk kif meħtieġa mid-Dipartiment;

vii. tagħti pariri u kontribut fir-rigward tal-ġbir ta' informazzjoni xjentifika dwar is-sajd, li jistgħu jkunu meħtieġa għall-preparazzjoni ta' noti ta' struzzjonijiet, rapporti, abbozzi ta' non-papers tal-UE, proposti għal Regolamenti tal-Kunsill u working papers varji;

viii. tibni u żżomm reġistru ta' Standard Operating Procedures fir-rigward tal-ġbir ta' informazzjoni bijoloġika dwar is-sajd;

ix. tibni u żżomm repożitorju tal-informazzjoni xjentifika kollha li tkun inġabret mid-Dipartiment;

x. tikkordina l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' database (FIS) għall-ġbir ta' informazzjoni xjentifika dwar is-sajd;

xi. tikkordina studji pilota u studji oħra dwar sajd sperimentali kif meħtieġ;

xii. tissorvelja l-proċess biex tingħata l-informazzjoni bijoloġika rikjesta mill-utenti aħħarin kif ukoll tibni u żżomm librerija tar-rapporti li jirriżultaw mill-informazzjoni li tingħata;

xiii. tipprovdi t-taħriġ meħtieġ fir-rigward tal-ġbir ta' informazzjoni bijoloġika dwar is-sajd, liema taħriġ jista' jinkludi taħriġ fuq il-post waqt osservazzjonijiet abbord kif ukoll fil-pixkerija (barra mill-ħinijiet normali tal-uffiċċju);

xiv. tirrappreżenta lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura f'konferenzi lokali u internazzjonali, waqt laqgħat u workshops kif meħtieġ;

i. supervising and managing employees and coordinating activities, in order to ensure the quality and timely submission of scientific data, reports, documents and any other queries related to scientific fisheries data collection as required by the EC Data Collection - Multi-Annual Programme (DC-MAP), GFCM and ICCAT;

ii. overseeing the on-board and market collection of biological data, as well as the implementation of the fisheries independent data collection surveys (MEDITS/MEDIAS);

iii. liasing with other Sections within the Department in order to improve the quality of data collected from the sales vouchers, landing observations logbooks and the VMS;

iv. calculating biological parameters and other fisheries-related parameters required under the EC DC-MAP;

v. monitoring and supervising the Department's laboratory and work carried out therein;

vi. providing the necessary data for the Fisheries Management Plans, and other reports and advice as required by the Department;

vii. providing advice and input as may be required with regard to data collection, including the preparation of instruction notes, reports, draft EU non-papers, proposals for council regulations and various working papers;

viii. building and maintaining a register of Standard Operating Procedures with regard to biological Data Collection;

ix. building and maintaining a repository of all the scientific fisheries data collected by the Department;

x. coordinating the development and maintenance of a database (FIS) for the collection of fisheries scientific data;

xi. coordinating pilot studies and experimental fishery studies as required;

xii. supervising the provision of biological data to end-users and building and maintaining a library of reports emanating from such data requests;

xiii. providing the necessary training of staff working on biological data collection, which training may include on the job training during onboard observations and at the fish market (outside normal office hours);

xiv. representing the Department of Fisheries and Aquaculture at local and international conferences, meetings and workshops as required;

xv. twettaq dmirijiet oħra skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti (MESDC), id-Direttur Ġenerali (Sajd u Akkwakultura) u/jew ir-rappreżentant/a/i tagħhom;

xvi. twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; **jew**

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**

2.8 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni tagħhom, suġġett għad-disponibbiltà ta' postijiet vakanti u l-eżiġenzi tal-management.

2.9 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Manager II (Community Services) is Salary Scale 7, which in year 2019 is €24,153 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €27,340.

2.4 A Manager II (Community Services) will progress to Salary Scale 6 (€25,779 x €596.33 - €29,357 in 2019) on completion of three (3) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.5 Selected candidates will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 15% of his/her basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.6 On being appointed, a successful candidate would be requested to renounce to other applications currently in process within the Public Service which is/are pending at the time of this appointment, without prejudice to SAAC calls (including Assistant Directors).

2.7 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Successful candidates are to serve in this post for a minimum of two (2) years, without prejudice to applications for SAAC calls (including Assistant Directors).

2.8 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in their area of specialisation, subject to availability of vacancies and the exigencies of management.

2.9 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Manager II (Community Services) jinkludu li:

i. Timmaniġġja, tikkordina u tiżviluppa s-servizzi fil-komunità pprovduti mill-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità (AACC). Dan jinkludi l-allokazzjoni ta' xogħol u kull xogħol amministrattiv ieħor meħtieġ għas-Sezzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet u l-oġġettivi skont il-missjoni tal-AACC;

ii. Tmexxi u tappoġġja lill-kapijiet tas-servizzi fil-komunità fix-xogħol ta' kuljum u f'inizjattivi li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-servizz;

iii. Tiżgura li x-xogħol assenjat rigward is-servizzi fil-komunità tal-AACC jitwettaq skont l-istandards meħtieġa u jitlesta fil-qafas ta' żmien miftiehem. Il-persuna magħżula għandha tamministra l-ispezzjoni tal-forniment tas-servizz, sabiex is-servizz jiġi pprovdut skont l-istandards u l-aspettattivi meħtieġa;

iv. Tipprovdi informazzjoni u assistenza meħtieġa lil dawk li jagħmlu użu mis-servizz, lill-impjegati u lill-pubbliku ġenerali dwar is-servizzi fil-komunità;

v. Taħdem flimkien ma' min jagħmel użu mis-servizzi, sezzjonijiet oħra fl-AACC, fornituri tas-servizzi u partijiet interessati interni u esterni kif meqjus neċessarju għas-servizzi provduti fil-komunità;

vi. Tipparteċipa fin-negozjati u tamministra service level agreements ma' entitajiet oħra minn setturi pubbliċi u privati dwar servizzi fil-komunità pprovduti mill-AACC;

vii. Tikkontribwixxi u taħdem flimkien mal-management superjuri tal-AACC fit-tħejjija tal-Business and Financial Plans relatati ma' servizzi fil-komunità pprovduti mill-AACC;

viii. Taħdem fuq ilmenti u diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu fis-servizzi mogħtija fil-komunità. Il-persuna magħżula għandha tirrapporta u taħdem mal-management superjuri fuq kwalunkwe kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu fid-dmirijiet assenjati;

ix. Twettaq riċerka u tipprovdi lis-Senior Manager (Community Services) b'analiżi, pariri, rakkomandazzjonijiet u appoġġ sabiex testendi s-servizzi kurrenti u tippermetti lill-anzjani u lil dawk li jieħdu ħsiebhom sabiex jużaw is-servizzi tagħhom u jibqgħu jgħixu fl-ambjent tagħhom;

x. Taħdem fuq il-policies attwali u tħejji policies mogħtija lill-persuni li jagħmlu użu mis-servizzi pprovduti mill- AACC fuq is-servizzi provduti u titjib tas-servizzi fil-komunità;

xi. Tikkontribwixxi b'mod attiv għall-pjanijiet ta' terminu qasir, medju u twil stabbiliti mill-Kap Eżekuttiv (AACC);

Duties

3. The duties of Manager II (Community Services) include:

i. Manage, coordinate and develop the community services provided by the Active Ageing and Community Care (AACC). This includes allocation of work and any other administrative work necessary for the Unit so to reach its aims and objectives as per mission statement of AACC;

ii. Lead and support Heads of community services in daily operations and initiatives which can contribute to service development;

iii. Ensure that assigned work is carried out to the required standards and completed within the agreed timeframes in the delivery of the community services provided by the AACC. The selected person should manage inspection of the service provision, so that the service is provided as per standards and necessary expectations;

iv. Provide information and necessary assistance to service users, employees and the general public on the community services;

v. Work in liaison with service users, other Units within AACC, providers of services and internal and external stakeholders as deemed necessary for the provision of the community services;

vi. Participate in negotiation of and manage service level agreements with other entities from public and private sectors on community services provided by AACC;

vii. Contribute and work together with the senior management of the AACC in the preparation of the Business and Financial Plans related to community services provided by AACC;

viii. Dealing with complaints and other difficulties encountered throughout the provision of the community services. The selected candidate should report and work with the senior management on any matters that may be encountered in the assigned duties;

ix. Carry out research and provide the Senior Manager (Community Services) with analysis, advise, recommendations and support to extend current services and allow older people and their carers to utilise their services and remain living in their environment;

x. Build upon the current policies and prepare policies on the provision and improvement of the community services delivered to the people making use of the services provided by the AACC;

xi. Actively contribute to the short, medium and long term plans set by the Chief Executive Officer (AACC);

xii. Twettaq funzjonijiet ta' rappurtaġġ u xogħlijiet relatati kif meħtieġ mill-Kap Eżekuttiv (AACC);

xiii. Tistabbilixxi u tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika sabiex iżżomm bażi ta' informazzjoni meħtieġa għall-operat tas-servizzi;

xiv. Tattendi u tikkontribwixxi għal korsijiet ta' taħriġ, seminars u laqgħat kif mitlub mill-Kap Eżekuttiv (AACC);

xv. Twettaq dmirijiet oħra kif delegati mil-Kap Eżekuttiv (AACC);

xvi. Twettaq dmirjiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija tas-Segretarju Permanenti (MFCS);

xvii. Twettaq dmirjiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir- regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

xii. Undertake reporting functions and the related operational requirements as required by the Chief Executive Officer (AACC);

xiii. Establish and make use of Information Technology systems so to maintain an effective information base of useful information required for the smooth operations of the service provision;

xiv. Attend and contribute to training courses, seminars and meetings as requested for by the Chief Executive Officer (AACC);

xv. Performing other duties that may be deemed appropriate by the Chief Executive Officer (AACC);

xvi. Undertaking any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Permanent Secretary (MFCS);

xvii. Performing any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; **or**

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); **or**

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

U

iii. ikollhom kwalifika ta' Masters rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward korsijiet li bdew minn Ottubru 2008), fil-Ġerentoloġija u Ġerjatrija, Xjenza Soċjali, Social Policy, Health Care Management, jew kwalifika professjonali komparabbli.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija kif indikat fil-paragrafu 4.1(iii) formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. must be proficient in the Maltese and English lanuages;

AND

iii. in possession of a recognized Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent with regard to programmes commencing as from October 2008) in Gerentology and Geriatrics, Social Sciences, Social Policy, Health Care Management, or a comparable professional qualification.

Public Officers applying for the post must be confirmed in their current appointment.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the qualifications as indicated in paragraph 4.1 (iii) will still be considered, provided that they submit evidence that they have obtained the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, taken as part of a higher recognised MQF level programme of study, as required in the aforementioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47) which has to be issued not earlier than one (1) month from the date of publication; those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their

applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). L-applikant irid jiġi infurmat li hemm xi dokumenti nieqsa immedjatament wara d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet u jigi mgħarraf li konsegwentement l-applikazzjoni tiegħu ma tistax tiġi kkunsidrata aktar, sakemm l-applikant ma jipprovdix raġunijiet validi, li jissodisfaw lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, għalfejn tali dokumenti huma nieqsa jew se jiġu sottomessi tard. Tali ġustifikazzjoni trid tintbagħat lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fuq (psc@gov.mt) fi żmien ħamest ijiem mid-data tan-notifika msemmija aktar kmieni f'dan il- paragrafu.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru, 2019. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal on (https://recruitment.gov.mt). The applicant is to be informed of any missing documents immediately after the closing date of the call for applications and notified that consequently his application will not be considered further, unless justifiable reasons are given by the applicant, to the satisfaction of the Public Service Commission on (psc@gov.mt), for any omission or late submission. Such justification should be sent to the PSC within five working days from the date of the aforementioned notification.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7. Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/ Certificate of Conduct as applicable, which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Friday, 15th November, 2019. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, 38, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta. Dawn il-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://mfcs.gov.mt/en/Pages/MFSS%20EN%20homepage.aspx) u (recruitment.mfcs@gov.mt).

L-1 ta' Novembru, 2019

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from the Director Corporate Services, Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://family.gov.mt/en/Pages/Famiy%20EN%20homepage.aspx) and (recruitment.mfcs@gov.mt).

1st November, 2019

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Post ta' Konsulent Mediċina ta' Riabilitazzjoni fid-Dipartiment tal-Mediċina ta' Riabilitazzjoni fl-Isptar ta' Riabilitazzjoni Karin Grech, fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Konsulent Mediċna ta' Riabilitazzjoni fid-Dipartiment tal-Mediċina ta' Riabilitazzjoni, fl-Isptar ta' Riabilitazzjoni Karin Grech, fil-Ministeru għas-Saħħa.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.2 Is-salarju ta' Konsultent Mediċina ta' Riabilitazzjoni huwa ta' Skala ta' Salarju 4, li fis-sena 2019 huwa €35,251 fis-sena.

2.3 Persuna fil-ħatra ta' Konsulent Mediċina ta' Riabilitazzjoni tirrapporta direttament lit-Tmexxija Klinika

MINISTRY FOR HEALTH

Post of Consultant (Rehabilitation Medicine) in the Department of Rehabilitation Medicine at Karin Grech Hospital, in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health invites applications for the post of Consultant Rehabilitation Medicine in the Department of Rehabilitation Medicine at Karin Grech Hospital, in the Ministry for Health.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of one (1) year.

2.2 The salary for the post of Consultant, Rehabilation Medicine, is Salary Scale 4, which in the year 2019 is equivalent to, €35,251 per annum.

2.3 The Consultant, Rehabilitation Medicine, shall report to the Clinical Leadership of the Hospital and the

tal-Isptar u lill-Maniġment tal-Isptar ta' Riabilitazzjoni Karin Grech (RHKG) u ultimament lill-Uffiċjal Mediku Ewlieni.

2.4 Persuna li tiġi maħtura tkun tista' tagħżel li taħdem fuq bażi ta' Kuntratt A jew Kuntratt B.

2.5 Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-Unjin kompetenti.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Konsulent Mediċina ta' Riabilitazzjoni jinkludu fost l-oħrajn li:

i. tkun parti mid-Dipartiment u tirrispondi direttament lit-Tmexxija Klinika tal-Isptar u lill-Maniġment tal-Isptar ta' Riabilitazzjoni Karin Grech (RHKG) u ultimament lill-Uffiċjal Mediku Ewlieni;

ii. tipprovdi l-kura klinika kollha fil-qasam tal-ispeċjalità skont l-istandards ta' kwalità tal-professjoni;

iii. tieħu sehem fl-attivitajiet tad-Dipartiment, tipparteċipa fil-programmi ta' tagħlim u riċerka tiegħu, tattendi regolarment għal-laqgħat kliniċi u tieħu sehem fil-proċess ta' assigurazzjoni ta' kwalità u verifika;

iv. tipprovdi servizzi speċjalizzati fi sptarijiet oħra u/jew f'ċentri tas-saħħa skont programmi approvati, u tista' wkoll tkun meħtieġa li tagħti servizz fi kwalunkwe estensjoni futura ta' servizzi tas-saħħa hekk kif provdut taħt Skema Nazzjonali tas-Saħħa komprensiva;

v. iżżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi kurrenti fil-qasam tal-Mediċina Rijabilitattiva kliniki/medika u tieħu sehem f'laqgħat ta' wara l-gradwazzjoni kemm lokalment kif ukoll barra. Persuna maħtura tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha fl-edukazzjoni kontinwa ta' kollegi kliniċi fil-livelli kollha rigward l-użu xieraq tal-faċilitajiet kollha rilevanti;

vi. tipparteċipa fil-ħidma tad-Dipartiment hekk kif assenjat mit-Tmexxija Klinika tal-Isptar jew mill-Maniġment tal-Isptar ta' Riabilitazzjoni Karin Grech (RHKG);

vii. tikkollabora ma' u tagħti pariri lil membri oħra tal-istaff mediku, u tal-allied health dwar materji li jappartjenu għall-ispeċjalità;

viii. tkun involuta fis-superviżjoni ta' junior staff, flimkien ma' persunal ieħor lokali jew barrani fuq żjara u taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni fir-rigward tagħhom;

Management of the Rehabilitation Hospital Karin Grech (RHKG) and ultimately to the Chief Medical Officer.

2.4 The appointee will be able to choose to work on a Contract A or B basis.

2.5 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

Duties

3.1 The duties of Consultant, Rehabilitation Medicine, include amongst others:

i. forming part of the Department and be directly accountable to the Clinical Leadership of the Hospital and the Management of the Rehabilitation Hospital Karin Grech (RHKG) and ultimately to the Chief Medical Officer;

ii. providing all clinical care within the remit of the specialty in accordance with quality standards of the profession;

iii. taking part in the activities of the Department, participating in its teaching and research programmes, attending regularly at clinical meetings and partaking in the process of quality assurance and audit;

iv. providing specialised services in other hospitals and/or health centres in accordance with approved programmes, and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme;

v. keeping abreast with the current developments in the field of medical/clinical Rehabilitation Medicine and participating in postgraduate meetings locally and abroad. He/she will be required to involve himself/herself in the ongoing education of clinical colleagues at all levels with regard to the appropriate use of all relevant facilities;

vi. participating in the work of the Department as assigned by the Clinical Leadership of the Hospital or by the Management of the Rehabilitation Hospital Karin Grech (RHKG);

vii. liaising with and advising other members of the medical and allied health on matters pertaining to the specialty;

viii. being involved in the supervision of junior staff, together with any other local or foreign visiting personnel, and ensuring the implementation of a continuous training and education programme in their respect;

ix. tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u tkun involuta fi programmi kontinwi ta' riċerka;

x. twaqqaf mekkaniżmi xierqa biex tiżgura kwalità tas-servizzi u ta' verifika medika;

xi. tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skont l-eżiġenzi tas-servizz meta tkun on call;

xii. taqsam ir-riżorsi ma' Konsulenti u firms eżistenti. Il-persuna maħtura għandha tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika (inkluż l-aspetti ta' iġjene) li jaffettwaw lill-pazjenti taħt il-kura tagħha huma tal-ogħla livell possibbli;

xiii. tkopri għas-sessjonijiet ta' filgħodu, waranofsinhar u filgħaxija fuq bażi ta' roster;

xiv. tista' tkun meħtieġa tipprovdi servizz ta' on call barra l-ħin normali;

xv. tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa;

xvi. twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, li tista' tiġi kkuntattjata wkoll permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.health@gov.mt).

3.2 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta u Għawdex skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; **jew**

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet

ix. participating in undergraduate and postgraduate teaching and training as required and being involved in ongoing research programmes;

x. establishing appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit;

xi. being required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service when on call;

xii. sharing resources with existing Consultants and firms. The appointee shall be responsible to ensure that discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level;

xiii. providing cover for morning, afternoon and evening sessions on a roster basis;

xiv. may be required to provide an on call service outside normal hours;

xv. making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health;

xvi. carrying out any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

Further details of the job description may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, which may also be contacted by email to (recruitment.health@gov.mt).

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the healthcare services of the Government of Malta at the discretion of the Management.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; **or**

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to

ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. profiċjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

4.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandu wkoll:

i. ikollhom isimihom imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Mediċina ta' Riabilitazzjoni miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta: **jew**

ii. ikunu approvati li isimhom jitniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Mediċina ta' Riabilitazzjoni miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; **jew**

iii. a. ikollhom Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta għall-professjoni rilevanti, li juri li l-applikant lesta tali taħriġ speċjalizzat li jista' jintalab għal Mediċina ta' Riabilitazzjoni; **jew**

b. ikollhom kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għas-CCST fil-Mediċina ta' Riabilitazzjoni, li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti ta' stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; **jew**

employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); **or**

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. proficient in the Maltese and English languages.

4.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore be:

i. listed in the Specialist Register of Rehabiliation Medicine kept by the Medical Council of Malta; **or**

ii. approved for inclusion in the Specialist Register of Rehabilitation Medicine kept by the Medical Council of Malta; **or**

iii. a. in possession of a Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta for the relevant profession, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for Rehabilitation Medicine; **or**

b. in possession of a specialist qualification equivalent to the CCST for Rehabilitation Medicine, which is issued by the competent authority in another EU member state, as listed in Part 1b of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; **or**

c. ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalist dment li ma' din tinhemeż dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza huma suffiċjenti sabiex tabib ikun irreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalist fil-Mediċina ta' Riabilitazzjoni.

4.3 Persuna magħżula li tkun eliġibbli taħt paragrafu 4.2 (iii) (b) u paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq trid tkun imniżżla fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta u trid tkun ukoll irreġistrata bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

4.4 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għas-Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta. F'każ ta' diffikultà għandu jintalab il-parir tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta.

Sabiex tiġi ffaċilitata r-referenza, is-sit elettroniku tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta jista' jiġi kkonsultat minn (https://deputyprimeminister.gov.mt/en/sph/Pages/Specialist-Accreditation-Committee.aspx).

4.5 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c), u li jkunu meħtieġa jippreżentaw dikjarazzjoni mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalist kif mitlub fil-paragrafu 4.5 għandhom jinkludu kopja ta' din id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati li mhumiex fil-pussess ta' din id-dikjarazzjoni xorta jistgħu japplikaw, basta jissottomettu kopja ta' din id-dikjarazzjoni hekk kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u fi kwalunkwe ċirkustanza mhux aktar tard mid-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jippreżentawx id-dikjarazzjoni meħtieġa fi żmien xahar għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tagħhom jistgħu jitolbu estensjoni ta' dan il-limitu ta' żmien b'xahar ieħor mill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet lil hinn minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

4.6 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

c. in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in Rehabilitation Medicine.

4.3 The successful candidate eligible under paragraph 4.2 (iii) (b) and paragraph 4.2 (iii) (c) above must be listed in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta and must also be fully registered with the Medical Council of Malta before appointment.

